MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2006

Appell Kriminali Numru. 291/2005

**Il-Pulizija**
**(Supt. Pio Pisani)**
**Vs**

**Anthony Sammut**
**Omissis**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-17 ta' Marzu, 2005, ghall-habta tal-10.30 a.m. :**
**1) ezercita dritt li jippretendi li ghandu jew kellu meta dahal fi propjeta' ta' Charles Micallef u Emanuel Micallef konsistenti f'bicca art fil-bahrija l/o Rabat denominata tal-Qliegha, minghajr ma kellu dritt li jaghmel dan ;**

**2) sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tat-28 t'Ottubru, 2003 u b'sentenza ohra tas-27 ta' Jannar, 2004 mill-Mag. Dr. D. Montebello, u b'sentenza ohra tal-Appell Kriminal mill-Onor. Imhallef David Scicluna LL.D. Mag. Jur) tad-9 ta' Gunju, 2004.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 t'Ottubru, 2005, li biha, wara li rat Sec. 85 tal-Kap. 9, sabet lill-appellant hati w ikkundantu ghal xahar prigunerija wara li hadet in kunsiderazzjoni li kien recidiv.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-27 t'Ottubru, 2005, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tillibera lill-appellant minn kull piena w imputazzjoni w, fin-nuqqas, tirriformaha billi, filwaqt li tikkonfermaha in kwantu sabitu hati, tissostitwixxi l-piena b'wahda anqas severa minn dik inflitta. B'riserva li l-appellant jressaq kull prova ohra producibbli fi stadju t'appell.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti w cioe':- Illi l-Ewwel Qorti injorat il-punt saljenti li l-art mertu tas-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili ma kienetx l-art mertu tal-akkuza odjerna. Inoltre rrizulta li l-art kienet fil-pusses tal-appellant kif anki ammetta wiehed mill-kwerelanti Micallef. Di piu' rrizulta wkoll li zijuh Felice Sammut kien ceda l-qbiela ta' dan it-terrirorju lill-appellant. In sostenn ta' dan kien xehed ukoll Dr. Chris Cilia li rrediga c-cessjoni in kwistjoni u li wkoll ikkonferma li kien ra b' ghajnejh il-librett ta' qbiela ta' Felice Sammut rigwardanti din l-art u li kien ukoll premezz ta' ittra ufficjali kien gharraf lis-sidien. Illi lanqas ma hu minnu li l-appellant kien gie zgumbrat mit-territorju in kwistjoni. L-Ewwel Qorti zbaljatament operat taht l-impressjoni li dan l-izgumbrament kien gie sanzjonat bis-sentenza civili tat-12 ta' Lulju, 2001 li, apparti li ma tirrigwardax din l-art, lanqas fiha xi terminazzjoni ta' titolu jew ordni ta' zgumbrament – hemm biss inibizzjoni li l-ksur taghha**

**jimportaw konsegwenzi civili u mhux penali. Illi ma kienx gust li l-Ewwel Qorti sostniet li l-appellant kellu jirrikorri ghar-rikonoxximent gudizzjarju tat-titolu. Dan ma jistax isir ghax titolu ghandu . Se mai kellhom ikunu x-xerrejja w Eliza Company Limited li messhom agixxew ghall-izgumbrament tieghu. Minnflok dis-socjeta' ghazlet li tmexxi penalment kontra kull gabiloltt f' dawn l-agwati meta kienet konsapevoli li dan it-territorju huwa kollu mqabbel lil mijiet ta' gabillotti. Illi f' kull kaz il-piena ta' xahar prigunerija kienet wahda eccessiva.**

**Semghet ix-xhieda fis-seduti tal-10 u l-21 ta' Novembru, 2005,**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni ;**

**Ikkonsidrat.**

**Li l-provi mismugha mill-gdid minn din il-Qorti jistghu jigu riassunti kif gej :-**

PS 125 MALCOLM MIFSUD **xehed li fis-17 ta' Marzu, 2005, ghall-habta tal-11.45am., kellhom rapport minnghand l-ahwa Micallef li l-appellant kien qed jahrat ghalqa maghrufa bhalaTal-Qlejja gewwa l-Blata tal-Melh, il-Bahrija . Huma marru fuq il-post fejn osservaw lill-appellant jahrat bil-mutur tal-idejn. Kienu qalulhom ukoll li oht l-appellant Rose Sammut kienet ghaddiet mill-passagg fl-imsemmi post u li din kienet qed taghmel hekk apposta ghax kellha minn fejn tghaddi. Meta kellmu lill-appellant, dan kien qalilhom li fejn kien qed jahrat huwa tieghu. Hu waqaf milli jkompli jahrat u telaq. L-appellant joqghod f' razzett li jidher sew mill-ghalqa li kien fiha.**

PC 571 FRANK MUSCAT **ikkorrobora lix- xhud ta' qablu dwar ir-rapport li kellhom u x' sabu meta marru fuq il-post kif ukoll li l-appellant kien qalilhom li l-**

**ghalqa li kien qed jahrat kienet tieghu. In kontroezami, qal li jaf li Sammut, apparti dawk l-inhawi, ghandu inhawi ohra imqabbla lilu u kien sema' bl-art ta' Snejsa u jaf li kellhom inkwiet ukoll fuq dawk in-nahat .**

EMMANUEL MICALLEF **xehed li fis-17 ta' Marzu, 2005 hu u huh kienu dehlin jonsbu w sabu lill-appellant jahrat fil-proprjeta' taghhom u lill-ohtu tiela' w niezla biex bhal speci ta' sfida, biex jimbxuhom. Cempel lil Pulizija w dawn gew fuq il-post u qabduh fil-fatt jahrat. L-appellant kien gja wehel xahar habs fis-27 ta' Jannar , 2004 fuq l-istess post. Kien appella u wehel LM100 b' sentenza tad-9 ta' Gunju, 2004. Meta kellmuh il-Pulizija, l-appellant zarma w telaq. In kontro-ezami, x-xhud qal li kien jaf lill-appellant jahdem dik l-ghalqa qabel ma xtraha hu pero' hemm is-sentenza tal-Imhallef Ray Pace. Meta huma xtraw l-appellant xorta baqa' jidhol fl-ghalqa. Kien dahal fl-10 ta' Frar, 2004 u baqa' jidhol. Sahansitra wara li inqatghetlu s-sentenza appellata fit-18 t' Ottubru, 2005, fis-26 t' Ottubru, 2005, ix-xhud kien mar ghamel rapport li l-appellant kien rega' dahal hemm jisfidah.**

CHARLES MICALLEF **xehed li fis-17 ta' Marzu, 2005 hu u huh kienu marru jonsbu w sabu lill-appellant jahrat gol-ghalqa taghhom fejn kien diga' wehel xahar habs fuq hekk. Kull meta huma jidhlu hemm l-appellant dejjem jidhol jisfidhom. Kienu hu u ohtu Rose Sammut li bdiet tiela' minn maghhom u b'debba maghha tghaddi minn maghhom minn max-xbiek ghal gol-ghasafar taghhom. L-appellant kien qed jahrat bil-mutur tal-idejn u meta gew il-Pulizija, sabuh hemm. In kontroezami, xehed lil lill-appellant jafu fl-ghalqa ghax gieli rah fl-ghalqa hu pero' hu ghandu sentenza. Meta huma kienu xtraw, xtraw bis-sentenza tat-12 ta' Lulju, 2001, maqtugha mill-Imhallef Ray Pace, li tgid li l-appellant ma jistax jidhol go dik l-ghalqa.**

L-APPELLANT **ma xehedx.**

L-AVUKAT DOTTOR CHRIS CILIA, **prodott mid-difiza, xehed li kien hemm bicca raba' kbira hafna li bhala qbiela kienet tghajjat lil Felice Sammut li jigi z-ziju tal-appellant . FeliceSammut u l-appellant kienu marru ghandu l-ufficcju w fil-fatt kienet saret skrittura li permezz taghha Felice Sammut kien ceda d-dritt tieghu tal-qbiela fuq dan ir-raba' lill-appellant. Din tinsab esebita a fol. 29 tal-process. Umbaghad hu kien baghat ittra ufficjali li biha fit-2 t' Ottubru, 2001, (fol. 30) , kien gharraf lis-sidien Eliza Company Limited bic-cessjoni. Jaf li Eliza Company Limited fethet erba kawzi kontra Felice Sammut quddiem il-Bord li Jirregola t-Tigdid tal-Kera tar-Raba' biex tirriprendi l-pussess ta' erba porzjonijiet art li huma tal-Planta, tal-Maxxat, il-Blata tal-Melh u xi post iehor, ghal numru ta' ragunijiet, fosthom din ic-cessjoni favur l-appellant.**

**Din il-Qorti ezaminat id-dokumenti kollha esebiti fil-process u senjatament il-vera kopji tas-sentenzi precedenti, kemm tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll dik ta' din il-Qorti diversament preseduta, kif ukoll is-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tat-12 ta' Lulju, 2001. Rat ukoll il-kopja tal-iskrittura ta' cessjoni w dik tal-ittra ufficjali fuq imsemmija (fols 29 u 30 tal-process).**

**Ikkonsidrat;**

**Illi din il-kawza hi wahda minn sensiela ta' proceduri kriminali li ttiehdu fil-konfront tal-appellant minhabba li hu qed jidhol fuq bicc-art li hi maghrufa bhala Tal-Qliegha, fil-Blata tal-Melh, il-Bahrija. L-appellant isostni li din l-art hi detenuta minnu bi qbiela u li giet ghandu in forza tac-cessjoni li saritlu min zijuh Felice Sammut fit-2 t' Ottubru, 2001 (Dok AS22 a fol. 29). Il-kwerelanti invece jsostnu li huma xtraw din l-art u jistriehu fuq is-sentenza tal-Prim' Awla (fols 18 sa26) ghall-allegazzjoni li l-appellant qed jokkupa l-art illegalment . Pero' jafu li qabel ma xtraw huma l-appellant kien jidhol go din l-ghalqa.**

**Issa hu ovvju li jekk ic-cessjoni tat-2 t' Ottubru, 2001 hija wahda valida, l-appellant, minkejja kull trasferiment li seta' sar tal-art favur il-kwerelanti odjerni tal-proprjeta' tal-istess ghalqa, (haga li taghha ma saret ebda prova quddiem din il-Qorti w li anzi l-prova li hemm u cioe' s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili – jekk tirrigwarda l-istess art - tindika li l-art hija ta' Eliza Compoany Limited u mhux tal-kwerelanti, din tibqa' soggetta ghall-kull dritt ta' lokazzjoni jew qbiela li kienu jgawdu fuqha l-gabilotti li kienet mikrija ghandhom jew l-aventi kawza taghhom. Illi ssemma fix-xhieda ta' Dr. Chris Cilia li Eliza Company Limited kienet istitwiet proceduri fil-Bord li Jirregola t-Tigdid tal-Kiri tar-Raba' kontra Felice Sammut, l-awtur tal-appellant, ghar-ripreza ta' diversi porzjonijiet f' dawk l-inhawi w li fost il-kawzali ghat-talba ghall-izgumbrament hemm proprju din ic-cessjoni favur l-appellant fuq imsemmija. Pero' quddiem din il-Qorti ma saret ebda prova ta' dawn l-atti w, inqas w inqas, tal-ezitu taghhom jekk s' issa kien hemm xi ezitu.**

**F'dan l-istat tal-provi jidher li jekk hemm xi pussess li jirrizulta fuq din l-art, dan hu proprju tal-appellant li, kif jistqarru l-kwerelenti Micallef, kien jezisti sa minn qabel ma huma xtraw l-art. Illi kuntrarjament ghal dak minnhom allegat, it-talba kontenuta fic-citazzjoni, li fuqha umbaghad inghatat is-sentenza tal-Prim' Awla esebita, ma tikkontjeni ebda riferenza ghal xi raba denominat "Tal-Qlejgha" jew "l-Blata tal-Melh", imma biss tissemma "territorju kbir ta' art fil-Bahrija, limiti tar-Rabat, denominataTa' Snajjsa, Ta' Planta u Tal-Maxxat" u, kif tajjeb issottometta l-appellant, ma hemmx prova li l-ordni tal-inibizzjoni emanat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili biex l-appellant jigi inibit "milli jidhol fil-proprjeta' tas-socjeta' attrici" jirriferi ghall-bicc' art jew raba' mertu ta' din il-kawza, li rrizulta li hu maghruf b' isem differenti minn dawk indikati fil-kawza civili. Ghalhekk hemm dubju altru milli fondat jekk l-ordni ta' inibizzjoni jirriferix ghall-art mertu ta' din il-kawza.**

**Ikkonsidrat;**

Illi gie ripetutament ritenut li l-elementi tar-reat ta' "*ragion fattasi" huma s-segwenti w* u cioe' (1) l-att estern li jispolja lil xi haddiehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-oppozizzjoni espressa jew prezunta ta' dan il-hadd iehor; (2) il-kredenza li l-att kien qed isir b' ezercizzju ta' dritt; (3) il-koxjenza li dak li kien qed jaghmel kien qed jaghmlu "*di privato braccio*", meta suppost li, jekk kellu xi pretensjoni fuq il-kamra fil-pussess tal-*parte civile,* kien imissu adixxa lil Qorti kompetenti biex jitlob regolament gudizzjarju tal-pretensjoni tieghu , jew kif jghid il-**Crivellari**, Il Codice Penale per il-Regno d' Italia Interpretato ecc. (Torino , 1895, Vol. VI, pagna 749) : *"la persuasione di fare da se' cio' che dovrebba farsi reclamando l' opera del Magistrato"* ; u (4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (Ara, fost diversi sentenzi : **"Il-Pulizija vs. Salvatore Farrugia"** App. Krim. [14.12.1957], Vol. XLI , iv. p.1506; "**Il-Pulizija vs. Carmelo Ciantar"** , App. Krim. [18.9.1996] u **"Il-Pulizija vs. Mario Lungaro"** , App. Krim.[15.11.1996].

**Ikkonsidrat;**

**F' dan il-kaz in ezami ma jidhirx li gie pruvat li kien l-appellant li ghamel xi att estern li bih spolja lil xi haddiehor. Jekk xejn, jidhru li huma l-kwerelanti li qed jivvantaw pretensjoni (li tista' tkun anki legittima) li in forza taghha jridu jitterminaw l-okkupazzjoni li l-appellant kien jezercita w ghadu jezercita fuq l-art, skondu in forza ta' l-iskrittura ta' cessjoni, liema skrittura taghmel riferenza ghall-BLATA TAL-MELH, haga li s-sentenza tal-Qorti Civili surreferita ma taghmilx.**

**Ghalhekk hawn mhux il-kaz li hu l-appellant li jrid jirrikorri quddiem il-Qorti kompetenti biex jottjeni rikonoxximent legali tat-titolu tieghu jew tal-pussess tieghu, imma, se mai, ladarba huma l-kwerelanti li jridu jibdlu l-istato quo ante, huma jridu jirrikorru ghall-operat tal-*magisterium,* ossia ta' Qorti**

**kompetenti, billi jew jaghmlu kawza civili biex jigi dikjarat li l-appellant qed jokkupa r-raba de quo (li ghandu jigi identifikat b' certezza w okkorrendo b' *site plans*) bla titolu w ergo jizgumbrawh minn hemm , jew, jekk ghandu xi titolu li jista' jigi kontestat jew terminat, li bih jitolbu tali terminazzjoni.**

**Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti jonqsu zgur tnejn, jekk mhux addirittura tlieta mill-elementi fuq indikati li huma rekwiziti biex jissussisti dar-reat.**

**Konsegwentement l-appell jidher fondat u qed jigi milqugh u din il-Qorti qed tirrevoka s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni w piena.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------